**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 5 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Stephane Noah**
**Cameroon Passaport Numru 555704**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stephane Noah**, ta' 23 sena, iben Jean-Claude u Appoline, imwieled il-Cameroon nhar it-28 ta' Awwissu 1997 u residenti Ta' Marjanu, Triq Cappelli, Xewkija u detentur tal-Passaport tal-Cameroon 0555704.

Akkużat talli nhar l-4 ta' Diċembru, 2020 u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kapitolu 61, Artikolu 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat (Kapitolu 9, Artikolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Artikolu 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f`każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat Stephane Noah jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġà jaħsibha u jerġà lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina tiegħu li hija waħda netta, kif ukoll illi huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f’dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat